**10 ta' April, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**
**"Copyright" — Danni — Bwona Fede**

Albert V. Mallia
*versus*
Carmelo Borg Bonaci

*F'materja ta' vjolazzjoni tal-"Copyright", il-bwona fede f'min jikkontravvjeni għal dak id-dritt ma teżentahx mir-responsabbiltà għad-danni kaġunati minnu b'dik il-vjolazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut, fil-ħanut tiegħu numru 140 St. Joseph's High Road, Hamrun, poġġa "Juke Box" biex il-klijenti tal-ħanut tiegħu, wara li jitfgħu munita, ikunu jistgħu jisimgħu dik il-mużika li jippreferixxu, li hija "copyright" u kontrollata mid-ditta attriċi, u dan bla permess tal-istess ditta; talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti inibit milli per mezz ta' "juke box" jeżegwixxi ebda mużika li tinsab taħt il-kontroll tal-istess ditta attriċi u li tinsab protetta mill "copyright", mingħajr il-permess tal-istess ditta, u dan taħt il-pieni komminati mill-liġi kontra dawk li jkunu ħatjin ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti għal kull eventwali infrazzjoni; u (2) l-istess konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni li bl-infrazzjonijiet tiegħu kkaġuna lill-istess ditta attriċi; (3) u konsegwentement jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma tad-danni li tiġi likwidata. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' April 1957;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

*Omissis;*

Riferibbilment għat-tielet eċċezzjoni, illi l-bwona fede tal-konvenut ma teżimiehx mill-ħlas tad-danni;

Mix-xhieda tal-attur jirriżulta illi d-danni sofferti mid-ditta attriċi, li għalihom il-konvenut hu responsabbli, jammontaw għas-somma ta' £10. 10. 0;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza, u kwindi tilqa' t-talbiet tal-attur nomine; u riferibbilment għat-tielet domanda tillikwida d-danni fl-imsemmija somma ta' £10. 10. 0, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma, bl-interessi kummerċjali mil-lum, u bl-ispejjeż tal-kawża.